MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 94/2015

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewwgu gewwa Malta, fil-Kappella tal-Qalb ta' Gesu, fil-Kunvent tar-Raghaj it-Tajjeb, gewwa Hal Balzan fis-sebgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa` mija tmienja udisghin (27/08/1998) u dana skont l-anness certifikat immarkat 'Dok. A';
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, Neil li twieled fit-tnejn ta' Frar tas-sena elfejn (02/02/2000) u li llum ghandu hmistax-il sena (15) u Kim li twieldet fil-wiehed u tletin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (31/08/2001) u ghalhekk ghandha tnax-il sena (12) ahwa B. Ghalhekk iz-zewg ulied ghadhom minorenni;

3. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom jghixu separatament minn xulxin mis-sena elfejn u tmienja (2008) u sussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod ufficjali u legali permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono, datat erbatax ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (14/12/2011) liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'B''

4. Illi llum-il gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent u l-intimata jirrikonciljaw stante li ilhom jghixu sepratament minn xulxin ghal dan l-ahhar seba` snin (7). In oltre, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittura ffurmaw rabtiet ohrajn ma' persuni ohra;

5. Illi in oltre, ir-rikorrent ma ghandu l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-manteniment dejjem thallas u ghadu jithallas b'mod puntwali minnu versu uliedu, mentri l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku a favur ta' xulxin;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddivorzja u jaqbel li z-zwieg tieghu ghandu jigi mahlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi r-rikorrent ma' dan ir-rikors qiegħed jipprezenta l-affidavit tiegħu (Dok. 'C');

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn Carlo Bugeja u Judith Bugeja u tiddikjara iz-zwieg tagħhom maħlul ai termini tal-Artikolu 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan that kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Semgħet lill-intimata tixhed bil-gurament tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 2011, izda ilhom de facto separati mis-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------